# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Kumpilazzjoni Nru 628/02

**Il-Pulziija**
**(Spettur Noel Cutajar)**

**kontra**

**Thomas Carabott**
(ID 388863M)

Illum, 29 ta' Ottubru 2018

**1. Premessi**

1. Rat l-akkuzi ippresentati fl 1 ta' Awissu 2002 kontra **Thomas Carabott** ta' 30 sena, Karta ta' l-Identita' numru 388863M, bin Anthony u Fidelina nee' Desira, imwieled Pieta fil-10/07/1963 u residenti Blk F, Flt 7, Gebel San Martin, Zejtun fejn gie akkuzat kif gej:

   *BILLI int akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-lejn ta 4 u 5 t'awissu 2000:*

   *1. Uzajt vjolenza sbaiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir jew jonqos milli jaghmel xi haga;*

   *2. Talli minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellek fil-pussess jew fil-kontroll tieghek jew kellek f'idejk jew fuqek arma tan-nar u munizzjoni barra fond jew post li jaghmel mieghu u dan bi ksur tal-artikolu 3 (1) (a) tal-Kap 66 tal-Ordinanza dwar Armi.*

   *3. Talli garrejt arma tan-nar sew jekk ikkargata jew mhijiex ma kienetx qieghda fl-ghata taghha jew sparajt xi arma ohra tan-nar anqas minn 200 metru minn kwalumkwe belt jew rahal jew f'postijiet ohra abitati jew anqas minn 50 metru minn toroq principali jew arterji.*

2. Rat illi fit 13 ta' Novembru 2002 il-kawza bdiet tinstema quddiem il-Magistrat assenjat bil-kaz, il-Magistrat Antonio Micallef Trigona.

3. Rat il-Process Verbal dwar akkadut redatt mill-Magistrat Antonio Mizzi u r-rapport tas-'Scene of Crime Officer' PS 1182 Raymond Cassar hemm inkluz.

4. Rat ir-rapport tal-Espert Forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud u s-sur Charles Muscat, bhala esperti biex jirrelataw fuq '*Gun Shot Residue*' ppresentat il-Qorti fit 13 ta' Novembru 2012, liema rapport ma sab ebda tracci ta' GSR fuq l-oggetti minnhom evalwati u lilhom pprovduti mill-Pulizija investigattiva. (fol 32)

5. Rat ix-xhieda ta' l-Ispettur Dominic Micallef moghtija fis-7 ta' April 2003.

6. Rat ix-xhieda ta' Francis Deguara, moghtija fis 7 ta' April 2003.

7. Rat illi fit 18 ta' Lulju 2005, wara hmistax-il seduta fejn l-imputat qatt ma deher u l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda provi, l-kawza giet differita Sine Die. (fl 126)

8. Rat illi fil-11 ta' April 2018, wara illi l-Magistrat Antonio Micallef Trigona irtira bl-eta', l-kaz gie assenjat lill-Qorti kif ippresjeduta w l-kawza differita ghall-informazzjoni.

9. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2018, wara li l-akkuzat instab, deher l-akkuzat mhux assistit u ghalhekk il-Qorti appintat lill Avukat tal-Ghajnuna Legali.

10. Rat illi fis 16 ta' Ottubru 2018 deher l-prosekuzzjoni, li kienet sprovvista dak il-hin bir-riferta tax-xhud Spiridione Mifsud, talbet differiment sabiex tipproducieh, liema talba l-Qorti cahdet in vista tad-dewmien esagerat tal-proceduri odjerni.

11. Rat illi fis 16 ta' Ottubur 2018 il-Qorti ddikjarat il-provi prosekuzzjoni bhala maghluqa.

12. Rat illi fis 16 ta' Ottubru 2018 l-akkuzat ghazel illi ma jixhidx u ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

13. Rat illi fis 16 ta' Ottubru 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## 2. Konsiderazzjonijiet Fattwali

1. Ghalkemm il-proceduri odjerni inbdew aktar minn tmintax-il-sena ilu, fuq medda ta' tlett snin, sakemm il-kawza giet differita '*sine die*' mill-Magistrat illi dak iz-zmien kien qieghed jisma l-kaz, ossija l-Magistrat Antonio Micallef Trigona, il-prosekuzzjoni ressqet biss zewgt xhieda, ossija **l-Ispettur Dominic Micallef**, illi kien acceda fuq il-post meta dahal rapport ta' sparatura fil-Bajja ta' San Tumas fl-imhawi ta' Wied il-Ghajn u **Francis Deguara**, illi kien propretarju ta' hanut fil-Bajja ta' San Tumas fejn sehhet l-allegata sparatura;

2. Jirrizulta illi bejn it 18 ta' Lulju 2005 sal-11 ta' April 2018 ma saret ebda tentattiv da' parte tal-Prosekuzzjoni sabiex tirrintraccja lill-akkuzat u sabiex tirrappunta l-kaz.

3. Jirrizulta illi, eventwalment, wara illi dina l-Qorti giet riassenjata il-kaz rizultat tal-pensjonament tal-gudikant precendentement assenjat bil-kaz, il-Qorti regghet appuntat il-kaz ghas-smiegh u fis 16 ta' Ottubru 2018, l-provi gew ddikjarati maghluqa w il-kawza thalliet ghas-sentenza.

4. Jirrizulta illi l-uniku xhud okulari illi pproduciet l-Prosekuzzjoni kienet Francis Deguara, li fix-xhieda tieghu qal illi f'Awissu tas-sena 2002 kien hemm glieda ghal habta tal-hdax u nofs

ta’ bil-lejl rizultat ta’ glieda bejn certu Spiru u persuna ohra, Charles Schembri, fejn dawn bdew jiggieldu. Rizultat ta’ dina l-glieda, l-akkuzat spicca ma-art b’gidma fuq kuxtejh, izda Deguara jistqarr illi huwa qatt ma rah jiggieled, gahlkemm “rajt xi sebgha jaqbzu fuqu” (fol 103). Jirrizulta, madanakollu, illi Deguara jikkonferma illi huwa ma sema ebda tiri ta’ arma tan-nar u kien hu illi cempel l-Ghassa tal-Pulizija ghall-assistenza.

5. Jirrizulta illi l-Ispettur Dominic Micallef jistqarr illi jirrizulta li l-glieda qamet ghax certa Spiru saq il-vettura tieghu bir-revers ghal fuq mwejjed illi kienu barra xi bar, u persuna harget b’senter u sparat tlett tiri. Stqarr ukoll illi meta acceda fuq il-post, ra lill Thomas Carabott bil-qieghda fil-bar u huwa nnega illi qatt spara. (fol 100)

6. Jirrizulta illi l-Esperti Forensici mqabbda mill-Qorti tal-Magistrati waqt l-Inkjesta ezaminaw ‘swabs’ mehudha minn fuq l-akkuzat (xaghar, wicc, id ix-xellugija, id-dil-leminija, imnieher u widjen(, kif ukoll swabs mehudha minn fuq flokk iswed, shorts iswed u par sandli kannella, u mill-investigazzjonijet taghhom ma gie irriskontrat ebda ‘Gun Shot Residue’. (fol 33)

7. Jidher car, ghalhekk, illi ma hemmx provi sufficjenti biex ikun ippruvat, il-hin minn kull dubju rikjest mill-Ligi, illi l-akkuzat Thiomas Carabott huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-akkuzat Thomas Carabott kif fuq indikati,

Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiemha,

Wara illi rat l-artikoli 3 (1) (a) tal-Kap 66 u l-Kap 9.

**Tillibera** lill-akkuzat mill-akkuzi migjiuba kontra tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur